TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

6

Avviż Numru CCT 141/18/F

**Lino Apap u Moira Mamo**

**vs**

**Floors of Stone – Sharlon Pace**

Illum 8 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 ta' Settembru, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' sitt mitt ewro (€600), rappreżentanti l-prezz ta' travertin u kif ukoll tat-tile layer.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal sema' biss lir-rikorrenti stante n-nuqqas ta' attendenza tal-intimat fejn issottometta illi kien ordna xi travertin li kien ta' kulur differenti u kif ukoll kienet intlaqtet u li ma tistax tintuża. Talab ukoll għad-danni tat-tile layer.

L-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta, u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ.

It-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli. Illi jinnota wkoll li l-intimat ma kkontestax din it-talba u ma weriex ebda interess.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt ewro (€600), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888